C/2024/6216

16.10.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11696 — OEP CAPITAL ADVISORS / COMAU)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/6216)

1. Fit-8 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— One Equity Partners Capital Advisors, L.P. ("OEP", l-Istati Uniti),

— Comau S.p.A ("Comau", l-Italja), li fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata minn Stellantis N.V. ("Stellantis", in-Netherlands)

OEP se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Comau.

Il-konċentrazzjoni se ssir permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— OEP hija kumpanija ta' ekwità privata tas-suq medju ffukata fuq kombinazzjonijiet trasformattivi fis-setturi industrijali, tal-kura tas-saħħa u tat-teknoloġija fl-Amerka ta' Fuq u fl-Ewropa.

— Comau hija kumpanija privata mwaqqfa skont il-liġijiet tal-Italja. Comau u s-sussidjarji tagħha huma attivi fid-disinn, il-produzzjoni u l-provvista ta' sistemi ta' awtomatizzazzjoni industrijali, robotika, linji ta' assemblaġġ u soluzzjonijiet avvanzati ta' awtomatizzazzjoni għall-applikazzjonijiet u l-utenti finali fil-karozzi, it-trasport, l-elettromobbiltà, il-loġistika tal-imħażen, l-enerġija rinnovabbli (inkluż l-idroġenu ekoloġiku), l-industriji peżanti (jiġifieri l-bini tal-bastimenti) u fil-qasam tal-edukazzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11696 — OEP CAPITAL ADVISORS / COMAU

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË